MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 772/2007

**BANK OF VALLETTA P.l.c**

**vs.**

**Clive MICALLEF u Ingrid Charlene Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fit-18 ta’ Lulju, 2007 li bih is-soċjeta’ rikorrenti talbet lill-Qorti;

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq l-imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Clive u Ingrid Charlene mizzewgin Micallef (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkustanzi ta’ l-istess Clive u Ingrid Charlene

Miżżewġin Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilta' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.

2. Tikkundanna lil Clive u Ingrid Charlene mizzewgin Micallef jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' disgħa u tletin elf, tmienja u ħamsin Liri Maltin u tnejn u tmenin ċenteżmu (Lm39,058.82) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Clive u Ingrid Charlene miżżewġin Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", "C", "D") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mis-27 ta' Ġunju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata fil-21 ta' Marzu 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi preżentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subbizzjoni.

Rat illi r-rikors ġiet debitament notifikata lill-intimati li naqsu li jirrappreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi, u dan minkejja li fis-smigħ tal-15 ta' Novembru, 2007, l-intimata Charlene Micallef talbet u ngħatat żmien biex titħalla tikkontesta l-kawża;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' rikorrenti;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja ta' l-intimati tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Maħluf bl-ispejjeż kontra l-intimati flimkien u solidalment bejniethom, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effet mis-27 ta' Ġunju, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------